

Il-Ħamis, 11 ta' Frar 2021

P9_TA(2021)0047

Il-prospett ta' Rkupru tal-UE u aġġustamenti mmirati għal intermedjarji finanzjarji biex jgħinu l-irkupru mill-pandemija tal-COVID-19 *I**

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Frar 2021 dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2017/1129 fir-rigward tal-prospett ta' Rkupru tal-UE u aġġustamenti mmirati għal intermedjarji finanzjarji biex jgħinu l-irkupru mill-pandemija tal-COVID-19 (COM(2020)0281 – C9-0206/2020 – 2020/0155(COD))

(Proċedura leġislattiva ordinarja: l-ewwel qari)

(2021/C 465/27)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2020)0281),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C9-0206/2020),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tad-29 ta' Ottubru 2020 ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra l-ftehim proviżorju approvat mill-kumitat responsabbli skont l-Artikolu 74(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu u l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill fl-ittra tal-16 ta' Diċembru 2020 li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament, f'konformità mal-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (A9-0228/2020),
1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;
 2. Jieħu nota tad-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni annessa ma' din ir-Riżoluzzjoni;
 3. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;
 4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

P9_TC1-COD(2020)0155

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fil-11 ta' Frar 2021 bil-ħsieb li li jiġi adottat ir-Regolament (UE) 2021/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2017/1129 fir-rigward tal-Prospett ta' Rkupru tal-UE u aġġustamenti mmirati għall-intermedjarji finanzjarji u d-Direttiva 2004/109/KE fir-rigward tal-użu tal-format elettroniku uniku għar-rapportar għar-rapporti finanzjarji annwali, għas-sostenn tal-irkupru mill-kriżi tal-COVID 19

(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament taqbel mal-att leġislattiv finali, ir-Regolament (UE) 2021/337.)

⁽¹⁾ ĠU C 10, 11.1.2021, p. 30.

Il-Ħamis, 11 ta' Frar 2021

ANNEX GĦAR-RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA

Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni

Il-Kummissjoni tieħu nota tal-fatt li l-ftehim politiku dwar il-proposta tal-Kummissjoni biex jiġi emendat ir-Regolament dwar il-Prospett sabiex jiġi introdott prospett ta' Rkupru tal-UE tal-UE jinkludi emenda għad-Direttiva dwar it-Trasparenza li tipposponi r-rekwiżit li jiġi jgħajjew rapporti finanzjarji bl-użu tal-Format Elettroniku Uniku Ewropew (ESEF). Dak il-posponiment ma kienx inkluż fil-proposta inizjali mill-Kummissjoni. Fil-fehma tal-Kummissjoni, il-posponiment tal-ESEF mhuwiex konformi mal-prinċipji ta' regolamentazzjoni aħjar tal-Unjoni u mad-dritt ta' inizjattiva tal-Kummissjoni. Għalhekk, dan ma għandux jikkostitwixxi preċedent. Peress li l-posponiment tal-ESEF mhuwiex bidla sostantiva fil-politika u jirrifletti ċ-ċirkostanzi diffiċli li jiffaċċjaw il-kumpaniji minħabba l-pandemija tal-COVID-19, il-Kummissjoni mhijiex se tostakola l-adozzjoni tiegħu.
